MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Numru 297/2012

**Il-Pulizija**

**Spettur Jason F Sultana**

**Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Christopher Sammut**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Christopher Sammut ta’ 40 sena, bin Emanuel u Josephine nee’ Ellul, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Jannar, 1972, residenti gewwa l-fond numru 126 Samvel, Triq Annibale

Preca Lija u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 538772(M) akkuzat talli:

1. F' dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur u/jew gimghat b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, u cioe';

2. Talli nhar id-29 ta' Frar 2012, matul il-jum u cioe' ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-kamra numru 728 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta' Tigne Sliema, ikkommetta serq ta' safe kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti u credit cards, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' David Lewis Brown u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta` Art 261 (b) (c) 263(a) (b), 264(1), 267, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-bieb tal- kamra bin-numru 728, u l-hajt ta' l-istess kamra li tinsab gewwa l-hotel Fortina, x-Xatt ta' Tigne, Sliema, ghad-detriment ta' Edward Zammit Tabone u/jew ta' persuni ohra liema hsara tiskorri mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (116.47 Ewro), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (1164.69 Ewro) u dan bi ksur ta' Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli nhar it-23 ta’ Frar 2012, matul il-jum, f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 611 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ikkommetta serq ta’ diversi hwejjeg w oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz kif ukoll bil-valur li jeccedi l-2329.37 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Peter Ivor Hayman u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta` Art 261 (b) (c) 263(a) (b), 264(1), 267ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ l-bieb tal- kamra bin-numru 611 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ghad-detriment ta’ Edward Zammit Tabone u/jew ta’ persuni ohra, liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (116.47 Ewro), imma inqas minn elf mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (1164.69 Ewro) u dan bi ksur ta’ Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Kif ukoll talli nhar it-23 ta’ Frar 2012, matul il-jum u cioe’ bejn nofsinhar u s- saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar, f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 610 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ikkommetta serq ta’ diversi hwejjeg u oggetti, fosthom wallet kontenenti flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz kif ukoll bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Catherine Mary Tait u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta` Art 261 (b) (c) 263(a) (b), 264(1), 267 ta’ kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-bieb tal- kamra bin-numru 610 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, ghad-detriment ta' Edward Zammit Tabone u/jew ta' persuni ohra liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (116.47 Ewro), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (1164.69 Ewro) u dan bi ksur ta' Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Dicembru 2011, ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghaxija, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-kamra numru 305 li tinsab gewwa l- hotel Fortina, ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi hwejjeg u oggetti, fosthom bagalja u safe, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz kif ukoll bil-valur li jeccedi l-2329.37 Euro u li sar ghad-detriment ta' Annas Holme Dixon u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta` Art 261 (b) (c) (f), 263(a) (b), 264(1), 267, 270 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe l-bieb tal- kamra bin-numru 305 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, ghad-detriment ta' Edward Zammit Tabone u/jew ta' persuni ohra, liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (116.47 Ewro), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin euro u disgha w sittin centezmu (1164.69 Ewro) u dan bi ksur ta' Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Kif ukoll talli nhar l-24 ta’ Gunju 2011, matul il-jum u cioe’ bejn l-ghaxra ta’ filghodu w is-saghtejn ta’ wara nofsinhar, f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 704 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ikkommetta serq ta’ diversi hwejjeg u oggetti, fosthom gojjelli u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz kif ukoll bil-valur li jeccedi l-2329.37 Euro u li sar ghad-detriment ta’ William Toal u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta` Art 261 (b) (c) 263(a) (b), 264(1), 267, ta’ Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ l- bieb tal-kamra bin-numru 704 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ghad-detriment ta’ Edward Zammit Tabone u/jew ta’ persuni ohra, liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (116.47 Ewro), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (1164.69 Ewro) u dan bi ksur ta’ Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

12. Kif ukoll talli nhar it-8 t’ April 2011, matul il-jum u cioe’ bejn l-ghaxra ta’ filghodu w is-saghtejn ta’ wara nofsinhar, f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 728 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ikkommetta serq ta’ diversi hwejjeg u oggetti, fosthom gojjelli u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz kif ukoll bil-valur li jeccedi l-2329.37 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Kvietkas Aleksas u/jew

ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta` Art 261 (b) (c) 263(a) (b), 264(1), 267, ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ l- bieb tal-kamra bin-numru 728 li tinsab gewwa l-hotel Fortina, ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, ghad-detriment ta’ Edward Zammit Tabone u/jew ta’ persuni ohra, liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (116.47 Ewro), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (1164.69 Ewro) u dan bi ksur ta’ Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

14. Talli fl-istess perjodu ta’ zmien, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akwistati b’ reat, u/jew xjentement b’ kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta’ Art 334(a) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

15. Akkuzat ukoll talli kkommeta dawn ir-reati, li ghalihom hemm kontemplata piena ta’ prigunerija, fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ai termini ta’ l-Artikolu 28(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 19 ta’ Lulju, 2010, liema sentenza saret definittiva w a tistax tinbidel;

16. U finalment talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta’ Art 49, 50 u 289 ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Lulju, 2013 (esebita a fol. 216 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

i. Fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. Fl-artikoli 261(b)(c), 263(a)(b), 264(1), 267, 278(1)(2), 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. Fl-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
iv. Fl-artikoli 261(b)(c), 263(a)(b), 264(1), 267, 279(b) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
v. Fl-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
vi. Fl-artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 268, 278(1)(2) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
vii. Fl-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
viii. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ix. Fl-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
x. Fl-artikoli 261(b)(c), 263(a), 264(1), 267, 278(1)(2), 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xi. Fl-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xii. Fl-artikoli 261(b)(c), 263(a)(b), 264(1), 267, 278(1)(2). 279(a), 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xiii. Fl-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xiv. Fl-artikolu 42(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xv. Fl-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xvi. Fl-artikoli 28B u 28C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xvii. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
xviii. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2010 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw sensiela ta' serqiet (seba' serqiet fejn il-valur kumplessiv tal-oggetti misruqa kien jammonta ghal €10,796[1]) li saru bejn April 2011 u Frar 2012 minn diversi kmamar fil-lukanda Fortina, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, fejn kienu qed jigu sgassati l-bibien tal-kmamar u jittiehdu s-safes bil-kontenut b' kollox. L-oggetti misruqa kienu proprjeta' tar-residenti fil-kmamar minn fejn insterqu u peress li l-lukanda ma kinitx koperta mill-assikurazzjoni ghal dawn is-serqiet is-socjeta li tiggestixxi l-lukanda halset lir-residenti il-valur tal-oggetti li gew misruqa. Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012 xehed l-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Jason Sultana fejn qal li l-Pulizija kienu rcevew varji rapporti dwar serq mill-kmamar tar-residenti fil-lukanda Fortina u huma kellhom suspett fl-imputat minhabba li raw diversi immagini mehuda mis-CCTV cameras (Dok. JS6 sa 10[2]) tal-lukanda li kienu juru lill-imputat diehel u hiereg fir-reception area tal-lukanda fid-dati fejn saru r-rapporti tas-serqiet u inoltre kien hemm ukoll immagini li juru vettura li kienet mikrija lil-imputat parkeggjata fil-parking area tal-istess lukanda u

[1] Vide xhieda tal-Manager tal-lukanda Fortina, Paul Sixmith fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012)
[2] Vide rapport tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco li jinsab inserit a fol. 67 Dok. SFS 1.

fejn kien jidher persuna diehel fil-vettura. L-imputat gie arrestat u nterrogat u rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol 30 tal-atti processwali fejn huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda maghmula lilu u mir-residenza tieghu giet elevata gakketta ta' lewn abjad simili ghal dik milbusa minn persuna li jidher fir-reception area hekk kif riportat fil-filmati tal-lukanda.[3]

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina il-filmati tas-CCTV cameras tal-lukanda jidher persuna diehel fir-reception area (a fol 80) izda dawn l-istills ma jaghtux indikazzjoni cara dwar min seta' kien dan il-persuna. Inoltre a fol 83 gew esebiti erba' ritratti ta' vettura hierga mill-parkegg tal-lukanda izda ma jidher ebda persuna li jista' b' xi mod jigi identifikat bhala l-imputat odjern.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami akkurat tal-provi kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizulta car li dawn il-provi jistghu kollha jitqiesu bhala provi indizjarji. Il-Qorti sejra ghalhekk taghmel analizi ta' gurisprudenza nostrana dwar il-prova cirkostanzjali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002 il-Qorti sostniet is-segwenti:

> 'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew

[3] Vide xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur L-Ispettur Jesmond Micallef waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012.

> konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija v Paul Grech' deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' April 2001 intqal illi:

> 'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.

Anki fil-kawza Pulizija v James Abela' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2002 intqal illi:

> "In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fil-kawza fl-ismijiet ir-Repubblika ta’ Malta v Angel sive Angelo Bajada tal-15 ta’ Mejju 2009 intqal illi:

> ‘L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci’.

Illi inoltre sabiex l-imputat jista’ jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu l-istess imputazzjonijiet iridu jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F’ dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakret li l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta’ prova li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b’applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ‘proof beyond a reasonable doubt.’

> *“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect*

*the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' sitwazzjoni fejn il-vittmi koncernati u cioe' l-persuni li ghamlu r-rapport qatt ma telghu jixhdu f' dawn il-proceduri stante li huma kienu diga telqu minn Malta meta nbdew il-proceduri. L-unika prova li gabet il-Prosekuzzjoni sabiex tindika x' oggetti nsterqu u l-valur taghhom kien il-manger tal-lukanda li kkonferma wkoll li huwa kien ghadda c-CCTV recordings lill-Pulizija. Dan il-filmat juri persuna, li skond il-Pulizija jista' jkun l-imputat, li jidher fir-reception area tal-lukanda fil-granet li saru uhud mir-rapporti izda mhux fil-kmamar minn fejn insterqu s-safes. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova indizjarja ma twassalx ghal konvinciment morali li kien l-imputat il-persuna li effetwa s-serqiet in dizamina mill-kmamar tar-residenti fil-lukanda Fortina. Illi ghalkemm huwa minnu li saru rapporti mal-Pulizija fid-data li hemm indikata fl-istills li jidhru fir-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti din ma tistax titqies bhala prova univoka li twassal sal-grad tal-konvinciment morali li kien l-imputat il-persuna li wettaq is-serqiet de quo. L-istess jinghad ghall-prova konsistenti fi stills li juru vettura fl-parkegg tal-lukanda fejn tidher persuna mhux identifikabbli diehla fil-vettura, Ma ngabet ebda prova li tindika li fil-fatt l-imputat dakinhar kien qieghed isuq din il-vettura jew li tali vettura kienet mikrija lilu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------